**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 22 ta' Settembru 2015**

**Rikors numru:- 113/2012 JVC**

**Adrian Robert Borg**

**Vs**

**Lorna Grech**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:-

Illi fis-sitta (6) ta' April 2012, ghal xi s-sebgha neqsin kwart ta' fil-ghaxija (18.45) waqt li l-attur kien isuq il-mutur tal-ghamla KYMCO bin-numru ta' registrazzjoni BCA-034 fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, fid-direzzjoni lejn il-port tal-Imgarr biex jilhaq il-vjagg tal-vapur tas-sebgha u kwart ta' fil-ghaxija ghal Malta biex imur ghax-xoghol, huwa kien involut f'habta ma' vettura tal-ghamla Toyota Yaris bin-numru ta' registrazzjoni LRN-133, li dak il-hin kienet qed tinstaq mill-konvenuta Lorna Grech li habta u sabta harget minn Triq Ghajnsielem, Ghajnsielem, bla ma waqfet fuq l-STOP sign u minghajr ma hadet prekawzjonijiet baqghet hierga ghal fuq it-triq principali bil-konsegwenza li baqghet diehla fil-mutur tal-attur u tajritu ghal diversi metri 'l boghod;

Illi konsegwenza ta' din il-manuvra perikoluza u azzardata tal-konvenuta li mblokkat ghal kollox il-karreggjata tal-mutur misjuq mill-attur, bl-impatt u f'attentat ahhari biex jipprova jevita l-incident huwa tilef ukoll il-kontroll tas-sewqan u tar minn fuq il-mutur u spicca waqa' fl-art diversi metri 'l boghod, u konsegwenza ta' dan wegga' gravament minbarra li ghamel hsarat estensivi fil-mutur tieghu u fuq hwejgu;

Illi dan l-incident gara unikament tort u minhabba traskuragni grassa, b'negligenza u b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta Lorna Grech fis-sewqan taghha;

Illi minhabba dan l-incident ir-rikorrent sofra danni ngenti konsistenti sew f'danni materjali fuq il-mutur u fuq hwejgu kif ukoll telf ta' qliegh futur minhabba debilitazzjoni fizika permanenti fi spaltu tax-xellug li biex giet imsewwija l-attur htieglu li jigi operat ukoll;

Illi l-konvenuta minkejja li giet interpellata sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrent hija baqghet inadempjenti.

Talab li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-incident oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament htija tal-konvenuta Lorna Grech minhabba sewqan traskurat, b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta;

2. tillikwida d-danni kollha konsegwentament sofferti mill-attur kemm ghal dawk il-griehi ta' natura permanenti li sofra fuq il-persuna tieghu kif ukoll griehi ohra, u ghall-hsara li garrab fuq il-mutur u fuq hwejjeg ohra tieghu;

3. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tad-19 ta' April 2012, u dik ipprezentata kontestwalment ma' din il-kawza kontra l-konvenuta, u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa tinsab imharrka.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta li kkonfermat:-

1. Illi preliminarjament, l-esponenti teccepixxi li m'ghandhiex tinsab responsabbli ghall-hlas tal-ispejjez u drittijiet assocjati mal-procedura odjerna u dan in vista tal-fatt li s-socjeta' assikuratrici tal-esponenti kienet diga' ammettiet ir-responsabilita' taghha

ghall-incident 'de quo' kif jirrizulta car mill-email hawn annessa datata 20 ta' Novembru, 2012(Dok. 'A'). F'dan ir-rigward l-esponenti tikkonferma l-htija taghha ghall-istess incident u f'dan ir-rigward tammetti  l-ewwel talba mressqa mir-rikorrenti salv ghal dak li jinghad hawn fuq fir-rigward tal-ispejjez u d-drittijiet relattivi u salv ghall-eccezzjonijiet l-ohrajn hawn imressqin. Ulterjorment jirrizulta li l-ittra ufficjali datata 23 ta' Novembru, 2012 lanqas tista' tigi kkunsidrata bhala nterpellatorja ghaliex kontestwali ghall-prezentata tal-procedura odjerna.

2. Illi, minghajr  pregudizzju ghall-premess  in kwantu  t-talbiet attrici jirrigwardjaw danni fuq il-persuna tal-attur, l-istess attur ghandu jaghti prova illi effettivament sofra tali danni reklamati minnu, inkluzi danni konsistenti f'dizabilita' permanenti fuq persuntu, u wkoll provi dwar l-ammont li skont hu ghandu jigi likwidat favurih. F'dan ir-rigward jinghad li m'hemmx danni ta' natura permanenti jew xort'ohra fuq il-persuna tar-rikorrenti x'jigu likwidati favur tieghu.

3. Illi mhuwiex minnu li l-attur sofra xi dizabilita', wisq anqas xi dizabilita' ta' natura permanenti u/jew li konsegwentement sofra xi telf minhabba l-incident mertu ta' din il-kawza.

4. Illi m'hemm ebda danni x'jigu likwidati favur l-attur.

5. Illi l-esponenti m'ghandha taghti xejn lill-attur.

6. Illi, l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

7. Illi l-eccezzjonijiet kollha qed jitressqu minghajr ebda pregudizzju ghal xulxin.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ix-xhieda, ritratti, rapporti u d-dokumentazzjoni kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tad-9 ta' April, 2015 l-partijiet qablu li l-kawza tithalla ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' lill-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza hija dwar habta bejn karozza u mutur li sehhet fis-6 ta' April 2012, ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija (6.45p.m.) fi Triq L-Imgarr, Ghajnsielem. L-attur Adrian Robert Borg li kien isuq il-mutur tat-tip KYMCO bin-numru tar-registrazzjoni BCA 034 isostni li kien qed isuq fi triq principali sejjer biex jaqbad il-vapur tas-sebgha ta' fil-ghaxija billi kien ser jidhol ghax-shift ta' bil-lejl meta gie nvestit bil-karozza tat-tip Toyota Yaris bin-numru ta' registrazzjoni LRN 133 misjuqa mill-konvenuta fejn l-attur isostni li l-konvenuta hargitlu fi Triq L-Imgarr minn Triq Ghajnsielem minn fuq STOP sign u tajritu.

L-attur isostni li konsegwenza ta' dan l-incident huwa sofra danni kemm fil-mutur, fuq hwejgu, kif ukoll sofra ksur fil-klavikula tax-xellug (left clavicle) li halliet debilita' permanenti fit-thaddim ta' spaltu tan-naha tax-xellug. L-attur isostni li r-responsabbilta' tal-incident u ghad-danni sofferti konsegwenza tal-incident tahti unikament il-konvenuta.

Il-konvenuta fir-risposta taghha tammetti l-ewwel talba attrici u cioe' t-talba sabiex din il-Qorti:

'Tiddikjara li l-incident oggett ta' dan ir-rikors guramentat gara unikament htija tal-konvenuta Lorna Grech minhabba sewqan traskurat, b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta;'

Ghalhekk jirrizulta li r-responsabbilta' tal-incident li sehh nhar is-6 ta' April, 2012 u li fih kienu nvoluti l-attur u l-konvenuta hija ammessa

mill-konvenuta ghaldaqstant din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha oltre dwar il-kwistjoni tar-responsabbilta'.

Il-konvenuta ssostni li ma ghandhiex tbati l-ispejjez tal-ewwel talba stante li skont hi r-responsabbilta' kienet ammessa qabel ma giet intavolta l-kawza. Bir-rispett kollu izda lejn il-konvenuta, il-Qorti tqis li ma giet prezentata l-ebda prova li sad-data tal-prezentata tal-kawza l-attur kellu f'idejh ammissjoni cara da parti tal-konvenuta tar-responsabbilta' tal-incident u ghalhekk il-Qorti tqis li kien ikun irresponsabbli ghall-ahhar u riskjuz da parti tal-attur li kieku ma nkludiex ukoll it-talba ghar-responsabbilta' tal-incident.

Illi l-konvenuta fil-bqija tal-eccezzjonijiet taghha tirribatti bil-qawwa kollha d-danni reklamati mill-attur kemm ghal dak li huwa *damnum emergens, lucrum cessans* kif ukoll l-ispejjez tal-kawza. Principalment il-konvenuta ssostni li l-attur ma sofra l-ebda dannu permanenti konsegwenza tal-incident in kwistjoni.

**Principji Legali**

Illi t-talbiet attrici ghandhom il-bazi taghhom fl-artikoli tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif isegwi:

'1031. Izda, kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.'

'1032 (1) Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.'

'1045 (1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib.

(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.'

*Damnum Emergens:*

Illi fir-rigward tad-danni emergenzi l-gurisprudenza hija kostanti fis-sens li l-Qorti m'ghandha ebda diskrezzjoni fir-rizarciment tat-telf effettivi konsistenti fi spejjez inkorsi minhabba l-hsara kagunata u t-telf ta' paga jew qliegh iehor attwali[1].

*Lucrum Cessans*

Illi mil-lat ta' gurisprudenza, hu ormai pacifiku li l-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **Michael Butler vs Peter Christopher Heard**[2] li tat origini ghas-sistema tal-'multiplier' ghadhom applikabbli sal-lum il-gurnata. Pero' l-principji enuncjati lura fis-sena 1967 gew tul is-snin aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti.

Fil-kawza **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et**[3] inghad kif isegwi:

"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".

Ghalhekk din is-sistema, ghalkemm mhux neccessarjament infallibli dejjem serviet bhala linja ta' gwida ghall-Qrati taghna, fl-assenza ta' soluzzjonijiet ohra anki ghaliex hu ghaqli li tinzamm uniformita' fis-sentenzi. Madanakollu l-Qrati taghna jikkustodixxu b'rigorozita' l-jedd li japplikaw gudizzju iktar ampju u wiesa' diskrezzjonali sabiex jigi zgurat il-gustizzja kemm mad-danneggjat kif ukoll ma' min jitqies responsabbli ghall-hsara u dan huwa permess anki mill-kliem uzat fl-artikolu 1045 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa ghalhekk li l-Qrati Maltin irritenew f'diversi sentenzi li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibbli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti fil-kawza Butler vs Heard. Fil-kawza fl-ismijiet **Savona vs. Asphar**[4] gie ritenut li l-Qrati ghandhom juzaw:

[1] Ara- App. Civ. "Darren Sammut -v- Eric Zammit" - dec. fit-3 ta' Dicembru 2004

[2] Appell Civili 22 ta' Dicembru 1967.

[3] Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.

[4] Appell Civili 23 ta' Gunju 1952.

'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi'
filwaqt li fil-kawza **Emnuel Mizzi vs. Carmel Attard** inghad illi:
'ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut'
u li
'dejjem għandu jkun hemm certu elasticita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabbilta'. [5]

In oltre, id-dannegggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soggetta għall-ebda revizjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.[6]

Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qliegh li jinghata d-danneggjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati taghna f'dawn l-ahhar zminijiet kellhom l-opportunita' li jiflu sew. Kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala:

*'A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue-that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases.'*[7]

Oltre dan, jirrizulta li s-sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qed ixaqilbu lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu jfixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkustanzi. Wiehed minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn ghal numru kbir ta' snin dan ma kienx jaqbez l-ghoxrin (20) sena. Evidentement izda f'hafna mill-kazijiet fejn id-danneggjat ikun ta' eta' zghira dan il-kalkolu ma

---

[5] 13 ta' Mejju 2003.

[6] Francis Sultana vs John Micallef et noe, Appell Civili 20 ta' Lulju 1994.

[7] Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), pag. 122.

kienx qed ihalli rizultat gust u dan ghaliex il-Qorti fit-termini tal-istess artikolu 1045 ghandha tfittex qabel kollox li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel id-dannu subit. Ghalhekk illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-*multiplier* ghandu jkun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.[8]

Gie stabbilit ukoll li l-*multiplier* ghandu jibda' jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet id-dannu u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.[9]

In oltre fl-ammont finali kkomputat fid-diskrezzjoni tal-Qorti, l-istess Qorti ghandha thares lejn l-hekk imsejjha *chances and changes of life*:

'In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes' tal-hajja.'[10]

Fil-principju izda:

"L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun sofrihom fil-posizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn".[11]

Illi bil-ghan illi d-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li sofra, u dan apparti l-kuncett ta' *pain and suffering*, fil-kawza fl-ismijiet **Mary Bugeja vs George Agius**[12] inghad illi:

'Il-Qrati fil-pronuncjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb għall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma

---

[8] Mary Bugeja nomine et vs George Agius noe, -Appell 26 ta' Lulju 1991, Vincent Axisa vs Alfred Fenech et, Prim'Awla 16 ta' April 1991.
[9] Salvatore Mifsud vs. Carlo Camilleri, Appell Civili 16 ta' Novembru 1983.
[10] Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace, Qorti tal-Appell 5 ta' Marzu 1986.
[11] Borg pro et noe vs Muscat, Prim'Awla, 9 ta' Jannar 1973.

[12] Appell 26 ta' Lulju 1991.

jirrinunzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali taghhom.'

Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabbilta':
'Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhix aktar sogggetta ghall-ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realta'.

Fuq l-istess linja fil-kawza **Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine**[13] inghad illi:

"Il-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga' tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel. Huwa ngust li f'dawn il- kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma tal-att illegali u ngust ta' haddiehor m'huwiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli mprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u nduzzjoni'.

Illi ghalhekk jidher car li abbazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija fl-attitudini wiesgha mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu u fil-fatt jezistu għas-soluzzjoni tal-istess, dawn izda ma ghandhomx jitqiesu bhala assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx għall-kumpens reali u adegwat.

**Mertu:**

Illi primarjament il-konvenuta ssostni li l-attur ma sostniex dannu permanenti konsegwenza tal-incident. Din l-allegazzjoni hija kontradetta b'mod assolut mill-assjem tal-provi migbura fl-atti ta' din il-kawza. Irrizulta pruvat minghajr dubju li konsegwenza tal-incident l-attur wegga' spaltu liema korriment wassal sabiex huwa anki kellu jaghmel xi operazzjonijiet u sal-lum ghadu jbati l-konsegwenzi tal-istess

[13] 11 ta' Lulju 1989.

incident fi spaltu. Hareg car mix-xhieda tat-tobba nvoluti u rapprezentanti tal-isptar li l-attur ma kienx ibati b'xi ugiegh fi spaltu qabel l-incident u li dak li llum ghandu fi spaltu huwa konsegwenza unika tal-incident. Il-Qorti hija wkoll komfortata f'dan mit-tliet esperti medici mqabbda mill-Qorti sabiex jirrelataw dwar id-dizabilita' tieghu. Dawn tal-ahhar fl-assjem kollha ddikjaraw li l-attur sofra dizabilita' permanenti konsegwenza tal-incident ghalkemm ma qablux dwar il-persentagg, kwistjoni li hija diskussa aktar 'il isfel f'din id-decizjoni. Milli rat il-Qorti mill-atti, il-provi li l-konvenuta ressqet biex tikkontradixxi din il-pretensjoni tal-attur, fost ohrajn, huma jekk l-attur kellux storja medika precedentement fl-istess spalla u l-fatt li huwa baqa' fuq il-post tal-incident u ma ttehidx b'mod immedjat l-Isptar ghall-kura. L-ewwel allegazzjoni giet kontradetta mit-tobba filwaqt li t-tieni wahda bl-ebda mod ma tevidenzja li l-attur ma sofriex id-dizabilita in kwistjoni. In vista ta' dan kollu u b'referenza ghall-provi kollha prodotti l-Qorti ma tqisx bhala fondati l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn tallega li l-attur ma sofra l-ebda debilita permanenti konsegwenza tal-incident.

Il-konvenuta tikkontesta wkoll bil-qawwa l-ammont ta' danni pretizi mill-attur. In vista tal-kontestazzjoni qawwija tad-danni reklamati u sahansitra l-ispejjez tal-kawza jehtieg li l-Qorti tidhol f'analizi ta' danni kif hekk reklamati:

***Damnum Emergens:***

L-attur isostni li huwa sofra s-segwenti bhala danni emergenti konsegwenza tal-incident imsemmi:

**(i)** il-hsarat li garrab l-attur fil-mutur tieghu fl-incident. Jirrizulta lil din il-Qorti li l-attur kien ghadu kif xtara l-mutur xi ftit gimghat qabel l-incident. L-attur qed jirreklama l-valur kollu tal-mutur kemm xtrah u cioe' s-somma ta' elfejn tliet mija u erbghin Euro (€2,340) kif isejhilha hu '*on the road*' cioe' bil-licenzja wkoll mhallsa. Jirrizulta li s-'*surveyor*' Natalino Agius, li ccertifika li l-mutur kien 'total-loss', ta' '*pre-accident* value' tal-mutur ghas-somma ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200) u dan wara li anki ha konjizzjoni ta' meta kien inxtara l-mutur u l-prezz imhallas ghall-istess (ara fol. 113 sa 115). Il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tiddipartixxi mill-procedura normali li l-attur jinghata l-valur dikjarat mis-'surveyor' anki ghaliex dan il-valur bl-ebda mod ma gie kontestat

minn xi 'surveyor' iehor. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur ukoll jaqbel ma' dan il-valur. L-attur izda jitlob ukoll il-hlas ta' mija u erbghin Euro (€140) spejjez ohra li saru biex il-mutur kien hareg *on the road* izda l-Qorti ma taqbilx li dawn ghandhom jithallsu lill-attur anki ghaliex dawn ma jifformawx parti mill-valur dikjarat tal-mutur u tali hlas tal-licenzja bl-ebda mod ma jista' jitqies bhala xi dannu direttament imputabbli lill-incident in kwistjoni. Irrizulta in oltre, ampjament pruvat li r-'*wreck*' tal-mutur inzammet mill-kumpanija assikuratrici u ghalhekk xejn ma ghandu jitnaqqas bhala valur tar-'*wreck*' minn dak dovut lill-attur;

**(ii)** L-attur isostni li minhabba l-ksur li garrab fi spaltu huwa htieglu jattendi wkoll ghal numru ta' sessjonijiet ta' fizjoterapija ghand il-*physiotherapist* Antonella Zammit li xehdet diversi drabi tul dawn il-proceduri u anki gew esebiti l-ircevuti tas-sessjonijiet li saru maghha. L-attur jirreklama wkoll valur ta' sessjonijet ta' massaggi li wkoll saru in relazzjoni mal-ksur li garrab. L-original ta' dawn l-ircevuti gew esebiti f'envelope markat dokument 'Y' a fol. 303 tal-process kif ukoll hemm esebiti zewg ricevuti ohra a fol. 289. Il-konvenuta tikkontesta dawn l-ispejjez ghaliex issostni li l-attur seta' attenda l-Isptar u mhux fil-privat u tipprova tqajjem dubju dwar il-bzonn tal-massaggi. Din il-Qorti izda ma rat xejn fl-atti li jista' jqajjem dubju dwar il-veracita' tal-bzonn ta' dawn is-sessjonijiet in vista tad-debilita' sofferta. Fir-rigward tal-bzonn tal-attur li jattendi privat u mhux l-Isptar il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova li dan l-attur ghamlu b'xi kapricc filwaqt li l-Qorti ma tara xejn straordinarju li l-attur attenda wkoll ghal sessjonijiet privati apparti dawk offerti mill-istat. L-attur jirreklama s-somma ta' erba' mija u hamsa u tletin Euro (€435) izda l-Qorti fl-atti sabet ircevuti ghas-somma ta' erba' mija u hames Euro (€405) u ghalhekk jirrizulta li huwa dan l-ammont li gie ppruvat. Din il-Qorti mill-atti hija wkoll sodisfatta li dawn is-sessjonijiet, kemm tal-fisjoterapija kif ukoll tal-massaggi kienu neccessarji in relazzjoni mal-ksur li sofra l-attur konsegwenza tal-incident u ghalhekk hija responsabbli ghalihom il-konvenuta.

**(iii)** L-attur isostni wkoll li fl-incident huwa garrab hsara fuq il-hwejjeg li kien liebes, fiz-zarbun u l-basket li kien qed igorr wara dahru. Isostni li huwa sprovvist mill-ircevuti tax-xiri tal-qmis u tal-qalziet izda esebixxa ritratt tal-istess hwejjeg fejn jidher li l-flokk kien wiehed ta' ditta partikolari u jitlob li l-Qorti tiddeciedi *arbitrio boni viri*. Dwar iz-zarbun u l-*back pack* isostni li gew esebiti a fol.64. l-ircevuti tal-istess. Dwar l-

ircevuta taz-zarbun din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita l-istess izda dwar dik tal-basket l-Qorti nnutat illi l-ircevuta hija datata 30 ta' Awissu, 2012 u ghalhekk hija datata wara l-incident ghalkemm il-Qorti ma teskludix li hija l-ircevuta tal-basket li l-attur xtara biex jirrimpjazza dak ta' qablu. Tenut in konsiderazzjoni tal-provi kollha l-Qorti tqis li l-ammont reklamat mill-attur ta' €270 ghall-hsara li sofra fuq hwejgu u l-basket huwa sufficjentement pruvat u ragonevoli.

**(iv)** L-attur jirreklama wkoll spejjez ohra fosthom xiri ta' CD li kien jikkontjeni r-ritratti tal-X-rays li kienu hadulu l-isptar Mater Dei ghall-ammont ta' hmistax-il Euro (€15). Giet esebita l-ircevuta tal-istess a fol.63. Gew esebiti wkoll spejjez sabiex gew zviluppati numru ta' ritratti tal-incident, tal-post tal-incident u tal-X-ray's tal-attur li ntuzaw kemm fil-kawza kif ukoll sabiex gew mghoddija lis-Socjeta' assikuratrici tal-konvenuta, ammontanti ghas-somma ta' mija u hamsin Euro u sebghin centezmu (€150.70). Dawn ukoll gew sufficjentement pruvati. Il-konvenuta ssostni li rrizulta li dan ma kienx hemm bzonnhom pero' huwa facli li f'dan l-istadju l-konvenuta ssostni li ma kienx hemm bzonnhom izda fil-mument li saru l-kwistjoni dwar ir-responsabbilta' u l-quantum kienet ghadha pendenti bejn il-partijiet u ghaldqstant il-Qorti ma tlumx lill-attur li ressaq l-ahjar provi possibbli. Gew esibiti ricevuti ta' medicinali (a fol.61), parking u spejjez ohra l-isptar, tal-ispejjez tat-towing tal-mutur (a fol.45), tar-rapport tal-Pulizija u skizz (a fol. 44) ammontanti ghas-somma ta' tlieta u tmenin Euro u disgha u disghin centezmu (€83.99). Il-Qorti tqis li dawn huma ragjonevoli, gjustifikati fic-cirkustanzi u sufficjentement ippruvati permezz tal-ircevuti. Certament il-Qorti ma kinitx tippretendi li jitressqu jixhdu l-ispizjara nvoluti sabiex jikkonfermaw dak li nxtara kif issostni l-konvenuta anki ghaliex l-ammont huwa wiehed ferm ragjonevoli.

Dwar l-ispejjez tal-biljetti tat-tragitt bil-vapur bejn Ghawdex u Malta kull darba li l-esponenti qasam ghall-isptar Mater Dei f'Malta ghall-operazzjonijiet din il-Qorti nnutat dik il-parti tal-kontro-ezami tal-attur (fol. 332) fejn huwa kkonferma li kull meta kien imur kienu jkunu hu u persuna ohra u zgur mhux b'zewg karozzi allura jekk kien hemm aktar biljetti rapprezentanti l-istess data dak ma kienx qed jirreklamahom. Wara li l-Qorti daret il-biljetti kollha u eliminat dawk li kienu doppji fl-istess gurnata (u wara li nnutat li fil-fatt dawn kienu nqatghu fl-istess hin bhall-biljetti l-ohrajn allura l-Qorti ma teskludix li f'dawk il-granet l-attur seta' kien akkumpanjat minn aktar persuni izda fi kwalunkwe kaz

dawn mhux qed jigu reklamati) is-somma tammonta ghal mija u tnejn u ghoxrin Euro u tmenin centezmu (€122.80). Total ta' ta' dawn l-ispejjez kollha jammontaw ghal tliet mija u seba' u disghin Euro u disgha u erbghin centezmu (€397.49).

**(v)** L-attur jirreklama li ghamel zmien twil ma jidholx ghax-xoghol u ghalhekk kien waqa' ghal nofs paga u kien tilef ukoll xi '*allowance's* u meta dahal ghax-xoghol ma baqax jaghmel xoghol fuq il-'*beat*' stante li nghata '*light duty*' fl-ufficcju. Huwa jitlob lil din il-Qorti sabiex tqabbel id-dhul '*gross*' tal-attur ghas-sena bazi 2013 (ara dok. X') mad-dhul tieghu '*gross*' ghas-sena bazi 2012 (ara dok. NG1) fejn skont hu jirrizulta li kien hemm telf effettiv mill-paga tieghu fis-sena li fiha sehh l-incident ta' elf disa' mija u tnejn u disghin Euro u disgha u erbghin centezmi (€1992.49) u cioe' d-differenza bejn il-gross tas-sena 2012 u dik tas-sena 2013. Il-Qorti izda ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gia gie dikjarat aktar 'il fuq fir-rigward tal- '*lucrum cessans*' u cioe' li gie stabbilit fil-gurisprudenza li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet id-dannu u ghalhekk dan jinkludi fih innifsu kwalunkwe bdil li setghet sehhet fil-paga tal-vittma rizultat tal-incident. Ghalhekk, *dato ma non concesso* li l-paga naqset, f'kaz li din il-Qorti kellha wkoll tiehu konjizzjoni ta' dan l-ammont reklamat bhala 'damnum emergens' hija tkun qed taghti kumpens darbtejn ghall-istess telf. B'dan il-mod ma tkunx qed tapplika l-principju tar-'*restitutio in integrum*' u cioe' li l-vittma ghandu jithallas lura dak li effettivament sofra kif jinghad fil-gurisprudenza izda tkun qed ittih oltre. Apparti minn hekk mid-dokumenti esebiti fl-atti din il-Qorti ma sabet l-ebda prova sufficjenti li turiha li d-differenza bejn il-paga tal-2012 u dik tas-sena 2013 kienet rizultat tal-incident in kwistjoni. Fil-fatt issir referenza ghax-xhieda ta' Noel Grixti d'Amato a fol. 82 fejn jghid illi mill-anqas zewg '*allowances*' li jidhru fil-paga tas-sena 2013 bdew jithallsu b'effett minn Awissu 2012 u cioe' erba' xhur wara l-incident u ghalhekk zgur li ma kienux inkluzi fil-paga tal-ewwel seba' xhur tas-sena 2012. Ghalhekk il-Qorti tqis li din is-somma hekk reklamata mihijiex pruvata u lanqas legalment gustifikata.

**In vista tas-suespost, il-Qorti tasal ghall-kwantifikazzjoni ta' '*damnum emergens*' ghat-total ta' tlett elef, mitejn u tnejn u sebghin Euro u disgha u erbghin centezmu (€3272.49).**

L-attur jirreklama wkoll l-imghax fuq l-ammont kif likwidat ta' 'damnum emergens' ghaliex skont hu l-kumpanija ta' assikurazzjoni ma kellha l-ebda ragun li baqghet ma halsitx dawn id-danni pendenti l-kawza, il-konvenuta tikkontesta dan fin-nota ta' sottomissjonjijiet taghha u bir-ragun. Din il-Qorti izda ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni ghal zewg ragunijiet, l-ewwel wahda l-fatt li din l-istess Qorti llum ma qablitx ma' l-ammont ta' 'damnum emergens' pretiz mill-attur kif ukoll ghar-raguni li a fol. 291 f'ittra esebita b'mod volontarju mill-istess attur, l-attur iddikjara mal-Kumpanija assikuratrici li 'l-kaz ikun jista' jinghalaq biss kemm-il darba jintlahaq qbil dwar id-danni kollha kemm danni ermegenti kif ukoll lukri cessanti'. Ghaldaqstant il-Qorti ma tqisx li t-talba ghall-imghax fuq l-ammont ta' 'damnum emergens' kif reklamata mill-attur hija gjustifikata.

**Lucrum Cessans:**

Illi dwar il-kalkolu tal-'Lucrum Cessans' din il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghaz-zewg rapporti ta' Mr. Charles Grixti a fol. 102 tal-process kif ukoll tal-periti perizjuri Mr. Ray Gatt u Mr. Charles Sciberras a fol. 351, kif ukoll ghall-eskussjoni taghhom a fol. 297, 411 u 426 rispettivament. Jirrizulta li Mr. Charles Grixti alloka dizabilita' permanenti ta' 8% filwaqt li fl-eskussjoni tieghu spjega li dan kien maqsum 4% ghal-limitazzjoni ta' moviment filwaqt li l-4% kienet relattiva ghall-fatt li l-attur kien ghad ghandu l-metall f'gismu u allura kien hemm riskju ta' infezzjoni. Fil-mori bejn l-ewwel rapport u r-rapport tal-periti perizjuri jirrizulta mill-atti li l-attur saritlu operazzjoni biex jitnehha l-metall. Tul din l-operazzjoni avverat ruhha l-ipotezi li Mr. Charles Grixti stess isemmi fl-eskussjoni tieghu u cioe' rrizulta li wiehed mill-viti ma setax jitnehha b'rizultat li minn disa' viti l-attur baqa' b'vit wiehed tal-metall inserit fi spaltu. F'dan il-kaz fl-eskussjoni tieghu Mr. Grixti ghamilha cara li ma setax jeskludi l-possibilita' ta' nfezzjoni kif isegwi:

*'Mistoqsi jekk operazzjoni teffettwax il-persentagg ta' dizabilita', nirrispondi li jien ikkalkulajt dan il-persentagg billi tajt 4% ta' dizabilita' fuq il-limitazzjoni ta' moviment u 4% minhabba r-riskju ta' infezzjoni. Issa ghalkemm seta' ghamel operazzjoni, jekk jibqa' xi metall go fih, ir-riskju ta' infezzjoni jibqa'. Mill-esperjenza tieghi jista' jkun hemm diffikulta teknika biex tnehhi l-impjant kollu u meta jigri hekk tnehhi dak li huwa "safe". Meta nghid diffikulta teknika,*

*per ezempju, meta ma tistax tara r-ras tal-vit ghaliex ikun imdahhal gewwa u ghalhekk ma tkunx tista' tnehhieh ghaliex tista' taffettwa affarijiet ohra.' (fol. 297)*

Da parti taghhom il-periti perizjuri taw dizabilita' ta' 3 %. Mr. Gatt fil-kontro-ezami tieghu a fol. 412 jghid kif isegwi:
*'Mistoqsija: F'dan il-kaz kien sar intervent fejn tnehhewli l-plates, izda mhux l-metall kollu – l-fatt li thallielu ftit metall u li hemm riskju ta' infezzjoni, jaghmel differenza fil-persentagg?*

*Risposta: Le, dak jiddependi kemm hemm burden ta' metall – dejjem ikun hemm cans ta' infezzjoni. Jiena kont hadt in konsiderazzjoni dan ir-riskju ta' nfezzjoni meta tajt persentagg ta' 3%.'*

Da parti tieghu Mr. Sciberras a fol.426 izda jikkontradixxi dan billi jghid kif isegwi:

*'Il-metall li baqa' kien minimu u ghalhekk bhala riskju ta' infezzjoni naqas sostanzjalment. Ir-riskju huwa nsinjifikanti **u ghalhekk ma tajna xejn** (emfasi tal-Qorti) bhala persentagg minhabba l-metall. Rigward id-dizabilita' li kienet inghatat ta' 4% ghall-ferita, ahna dehrilna li kellna naghtuh 3% u dan mill-ezami kliniku li ghamilna.'*

Fis-sottomissjonijiet tieghu l-attur isostni li din il-Qorti ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet tal-periti perizjuri u ghandha tapplika persentagg ta' dizabilita' ta' sebgha fil-mija 7% stante li skont hu huwa gustifikat fic-cirkostanzi meta din il-Qorti tikkunsidra u tirrifletti fuq il-fatturi kollha fosthom il-vit tal-metall li baqa' ma tnehhiex u ser jibqa' fi spallet l-attur ta' hajtu u ghalhekk l-attur ser jibqa' jgorr mieghu ghall-kumplament ta' hajtu r-riskju ta' infezzjoni. L-attur sostna li fl-umili fehma tieghu r-ragunijiet moghtija mill-ewwel perit mediku mahtur mill-Qorti huma izjed ragunati u precizi. In sostenn ta' dak pretiz minnu l-attur ikkwota l-gurisprudenza segwenti:

**'Edward sive Teddie Borg et vs Albert Schembri et** (Citaz. 1309/2003), deciza fil-25 ta' Frar 2013 fejn il-Qorti esprimiet ruhha li:

*"tinsab serjament preokkupata ghaliex fir-rapport originali nghata 15% waqt li fl-addizjonali nghata 3%, u l-Qorti ghandha l-obbligu li taghmel kif fil-fatt sejra taghmel, ezami ghaliex din id-divergenza u mhux sejra tillimita ruhha b'ebda*

*mod biss ghall-eskussjoni tal-periti, izda qed taghmilha cara li tirrizerva li tipprovdi ulterjorment wara li jkollha quddiemha l-provi kollha, tisma' individwalment lill-erba' (4) esperti jew possibbilment anke kollettivament, kif ukoll li ghalkemm mhux provvdut specifikament fil-Kodici ghall-esperti ohra, tirriserva li tiehu l-pariri opportuni jekk ikun il-kaz. ... ... Il-Qorti qrat ripetutament dak li kitbu l-esperti, irriflettiet fit-tul inkluz il-konsegwenzi ta' alterazzjoni tar-rapport ta' esperti medici addizjonali, konxja ta' kemm talbiet simili sejra tiltaqa' maghhom fil-futur, izda ma tistax semplicement toqghod biss fuq l-ahhar rapport u tinjora qisu xejn iz-zewg esperti l-ohra. Irriflettiet fit-tul li l-esperti mhux qeghdin jaslu ghall-konkluzjonijiet taghhom tant fuq kriterji oggettivi izda fuq konsiderazzjonijiet totalment soggettivi u dipendenti fuq id-diskrezzjoni tal-espert mediku, li ma jistghux jigu kontrollati. Ma hemmx xi amputazzjoni ta' parti mill-gisem, telf ta' ghajn jew mankament simili li wiehed jista' facilment jirriskontrahom. Ghalhekk hu ferm aktar importanti li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma tkunx imtappna b'xi dubji, ghaliex fil-verita' provi tangibbli li tali diskrezzjoni ma tkunx qed tigi ezercitata sew hu kwazi mpossibbli li jingiebu – ghalkemm li jkollok divergenza massicca fir-rata ta' dizabilita' hi ndikatur li jippreokkupak*."

Din il-Qorti hija fil-fatt preokkupata bil-fatt li l-esperti medici addizzjonali bejniethom stess ma qablux jekk fir-rapprot taghhom giex allokat persentagg minhabba l-possibilita' ta' nfezzjoni jew le, fil-fatt wiehed eskluda ghal kollox dik il-possibilita' u sostna li l-persentagg ta' 3% kif biss ghall-ferita sofferta fl-ispalla filwaqt li l-iehor qal li huwa zamm f'mohhu l-possibilita' tal-infezzjoni fil-persentagg ta' 3%. Din il-Qorti hija propensa li temmen li fil-fatt il-possibilita' ta' nfezzjoni verament ma ttihditx in konsiderazzjoni mill-periti addizzjonali fil-persentagg ta' 3 % u li dan jirrifletti biss il-ferita jew kif imsejha mill-ewwel espert in-nuqqas ta' moviment. Filwaqt li l-Qorti ma ssib xejn stramb li wara sena mill-ewwel ezami l-persentagg tal-ferita/nuqqas ta' moviment nizel minn 4% nizel ghal 3% anki minhabba t-trapass ta' zmien u l-fatt li saret l-operazzjoni allura huwa realistiku li s-sitwazzjoni tal-attur ameljorat ruhha, il-Qorti ma tqisx li jkun gjustifikat li tigi eskluza kompletament il-possibilita' li l-attur jista' fil-futur isofri nfezzjoni minhabba l-metall li baqa' fi spalltu specjalment wara l-emfasi li ghamel l-espert mediku Mr. Charles Grixti f'dan ir-rigward. Din il-Qorti hija wkoll rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn zewg esperti minn tlieta jaqblu li l-possibilita' ta' infezzjoni tibqa' filwaqt li kien biss wiehed mill-esperti li esludiha ghal kollox. Il-Qorti ghalhekk tqis li filwaqt li hija tiddikjara li taqbel mal-persentagg ta' 3% ghal dak li jirrigwarda l-ferita'

per se, f'dawn ic-cirkustanzi, hija ghandha taddotta *abritrio boni viri* t-triq tan-nofs ghal dik li hija l-possiblita' ta' infezzjoni anki ghaliex tnehha parti sostanzjali tal-metall minn gewwa spallet l-attur u b'hekk ghandha tapplika persentagg ta' 2% ghal dak li huwa possibilita' ta' nfezzjoni, b'total ta' grad ta' dizabilita' ta' 5%.

Ghal dak li huwa l-kalkolu fattwali tad-dizabilita f'valur monetarju l-attur isostni li din il-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni tal-paga bazika tas-sena 2013 u mhux dik tas-sena 2012 u cioe' meta sehh l-incident, ghaliex skont hu ghamel zmien twil ma jidholx ghax-xoghol u ghalhekk kien waqa' ghal nofs paga u kien tilef ukoll xi allowances u meta dahal ghax-xoghol ma baqax jaghmel xoghol fuq il-'*beat*' stante li nghata '*light duty*' fl-ufficcju. Il-Qorti izda aktar 'il fuq f'din id-decizjoni gia ddikjarat li ma taqbilx ma' dawn is-sottomissjonijiet u dan stante li din il-Qorti ma sabet l-ebda prova sufficjenti li turiha li d-differenza bejn il-paga tal-2012 u dik tas-sena 2013 kienet rizultat tal-incident in kwistjoni. Anzi fix-xhieda ta' Noel Grixti d'Amato a fol. 82 jinghad illi mill-anqas zewg '*allowances*' li jidhru fil-paga tas-sena 2013 bdew jithallsu b'effett minn Awwissu 2012 u cioe' erba' xhur wara l-incident u ghalhekk zgur li ma kienux inkluzi fil-paga tal-attur meta sehh l-incident. Ghalhekk jirrizulta li l-paga tas-sena 2013 mihijiex realistika ghal dak li kien jaqla' l-attur fis-sena 2012 u ghalhekk ghandha tittiehed in konsiderazzjoni l-paga tas-sena 2012 (fs 3 esebita a fol. 288 tal-process) u cioe' s-sena meta fil-fatt sehh l-incident.

Dwar il-'*multiplier*' l-attur fis-sottomissjonijiet tieghu jsostni li ghandu japplika '*multiplier*' ta' 36 filwaqt li l-konvenuta ma taqbilx mal-addozzjoni ta' dan l-ammont u ssostni li ghandu jkun anqas. Jirrizulta li l-attur fis-sena tal-incident kellu ghoxrin sena u ghalhekk din il-Qorti tqis li 'multiplier' ta' 36 sena huwa aktar milli ragjonveli. Ghalhekk il-kalkolu ghandu jkun ta' **€14,977** (paga gross) **x 5% x 36 = €26,959.**

Dwar it-tnaqqis minhabba '*lump sum payment*' fil-kawza fl-ismijiet **Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**[14] gie deciz hekk:

*'Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-lump sum payment il-Qorti... jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal-lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-*

[14] Prim'Awla, 5 ta' Ottubru 1995.

*prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data'.*

Il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri** deciza fis-27 ta' Frar 2004 iddikjarat illi:

*'Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda' jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv'*

Fil-kawza **Joseph Agius v All Services Ltd**[15]:
*'f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa (lump sum payment) lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero', tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza.'*

Il-Qorti tqis li jkun gjust li stante li l-kawza giet intavolata f'Novembru tas-sena 2012 u qed tigi deciza f'Settembru tas-sena 2015 cioe' kwazi tliet snin wara allura ghandu jintaqqas persentagg ta' '*lump sum payment*' ta' 18% kif isegwi: **€26,959 – 18%= €22,106.**

'*Chances and changes of life*':
Fir-rigward ta' *chances and changes of life* din il-Qorti wara li qieset il-fatt li, mix-xhieda tal-attur, irrizulta li huwa realistikament jibza li jekk jerga' jidhol fil-'*beat*' huwa jerga' jwegga spaltu u li allura dan qed izommu lura milli jaghmel progress f'xoghlu ghal dak li jirrigwarda paga u possibilment anki l-possibilta' li jaghmel progress fil-karriera tieghu, il-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkustanzi ghandu jigi applikat persentagg ta' 10% biex b'hekk is-somma titla' ghal **€22,106 + €2,211 = <u>€24,317.</u>**

## <u>Spejjez tal-kawza</u>

Illi l-konvenuta ssostni li hija m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghaliex skont hi s-socjeta' assikuratrici taghha kienet gia ammettiet ir-responsabilita' ghall-incident in kwistjoni qabel ma nfethet

[15] Prim Awla, 2 ta' Gunju 2005.

il-kawza u l-ittra ufficcjali ntbaghtet kontestwalment mal-kawza. In sostenn ta' dan giet esebita e-mail a fol. 11 tal-process fejn is-socjeta' tal-assikurazzjoni tal-konvenuta qed tammetti r-responsabilita' tal-incident mal-agent tal-assikurazzjoni tal-attur. Il-kawza giet prezentata tlett ijiem wara d-data ta' din l-e-mail fit-23 ta' Novembru, 2012 cioe' kwazi seba' xhur wara l-incident. Il-Qorti tqis li t-trapass ta' seba' xhur mill-incident huwa zmien pjuttost ragjonevoli u li fih is-socjeta' assikurattiva tal-konvenuta kellha bizzejjed zmien sabiex b'semplici e-mail tibghat tinforma jekk kinitx qed tammetti r-responsabbilta' jew le. Ma giet esebita l-ebda prova li l-attur kien gia a konoxxenza tal-*'e-mail'* datata 20 ta' Novembru, 2012 qabel ma giet prezenta l-kawza. In oltre ma gietx kontradetta t-talba tal-attur kontenuta fir-rikors guramentat li fil-fatt kienet gie prezentata ittra ufficcjali ohra nhar id-19 ta' April, 2012 qabel dik tat-23 ta' Novembru, 2012.

Fi kwalunkwe kaz irrizulta li tant il-partijiet ma kienux qed jaqblu bejniethom dwar il-hlas, nonostante l-ammissjoni fl-istadju bikri tal-kawza, li din il-kawza xorta wahda kellha tasal ghad-decizjoni kwazi tliet snin wara li giet prezentata. F'dawn ic-cirkustanzi u anki in vista ta' dak suespost, il-Qorti tqis li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez tal-kawza.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel talba stante li ammessa fl-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u ghalhekk tiddikjara li l-incident awtomobilistiku li sehh nhar is-6 ta' April, 2012 bejn il-partijiet sehh unikament tort il-konvenuta Lorna Grech minhabba sewqan traskurat, b'imperizja, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenuta, tichad l-eccezzjonijiet kollha rimanenti tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet kollha attrici u

1. tillikwida d-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-agir tal-konvenuta Lorna Grech ghas-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, hames mija u disgha u tmenin Euro u disgha u erbghin centezmu (€27,589.49);

2. tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' sebgha u ghoxrin elf, hames mija u disgha u tmenin Euro u

disgha u erbghin centezmu (€27,589.49) bl-imghaxijiet legali dekorribbli millum sad-data tal- pagament effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali datata 19 ta' April, 2012 jithalsu mill-konvenuta.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur